# Il- Knisja Tal-Lunzjata F'Għawdex

## jikteb Mario Fenech



Il-Wied tal-Lunzjata f'Għawdex, huwa wieħed mill-isbaħ lokalitajiet li hija mżejna bihom il-Gżira ta' Għawdex. L-Isem ta' dan il-wied huwa marbut ma' knisja ċkejkna li hemm fil-bidu tiegħu fuq in-naħa tax-xellug. Qabel, dan il-wied kien jissejjaħ tas-Saqqaja u l-istorja tiegħu tmur lura bosta snin, tant, li fil-kitba tal-Kan.Gann Piet Frangisk Agius De Soldanis, li kiteb lejn it-tieni nofs tas-seklu tmintax, insibu taqsima sħiħa dwar din il-knisja. Għall l-ewwel, din kienet Kappella f'għar żgħir mal-ġenb tal-wied, wara imbniet mill-ġdid fl-1347. Fl-1370, is-Sinjura Sibilla Aragona, Maltija ta' Nisel ir-Rejjiet ta' Aragona, kienet waqqfet Legat b'risq din il-Kappella, bl-ewwel Rettur ikun Dun Piet Barba. L'Istorja ta' dan il-Benefizzju hija waħda mqanqla għall-aħħar u fil-kitba ta' De Soldanis insibu l-istorja ddettaljata ta' dawk kollha li ħadu ħsieb dan il-Benefizzju, sakemm dan wasal għand il-Kjeku Erkli Martin Testaferrata, nominat mill-Gran Mastru Fra Rajmond Perellos. Jidher li dan ir-Rettur Testaferrata kien wieħed bieżel, għaliex naraw li fi żmien qasir ħa ħsieb jibni loġġa mdaqqsa biex tintuża minn dawk li kienu jmorru jimlew l-ilma minn nixxiegħa ta' l-ilma ġieri li għadu jnixxi sal-lum. Fuq din il-loġġa, li fortunatament ġiet irrestawrata ftit tas-snin ilu, hemm l-arma tal-Gran Mastru Perellos u l-kitba bil-Latin li tgħid hekk, "Din l-arma li qiegħed tara fuq din l-għajn mġedda, qabel ma ġiet hawn minquxa, naqxita l-imħabba f'qalb minn għamilha". Erkli Martin Testaferrata, rettur ta' dan il-benefizzju, bil-għoġba tas-Sultan Fra Rajmond Perollos Roccaful, poġġieħ fis-sena 1698. Il-Benefizzju ta' tletin skud kien jgħid li kien obbligu li ssir Quddiesa kull nhar ta' Sibt u li għanda issir il-festa bil-kant tal-Vespri u Quddiesa Kantata. Il-Knisja ġiet mibnija mill-ġdid fl-ewwel snin tas-seklu sittax, meta l-prokuratur kien Paolo Tabone u minn dejjem kienet tinżamm fi stat tajjeb, anke jekk matul is-seklu sbatax kien hemm għadd ġmielu ta' kappelli żgħar li ġew ittraskurati u pprofanati. Il-Kwadru titulari li hemm fil-kappella sar mill-Pittur Fra Luca Garnier, li kien Kavallier ta' l-ordni ta' San Gwann, lejn l-aħħar snin tas-seklu sbatax. F'nofs is-seklu tmintax giet imqegħda kuruna fuq ras ix-xbieha tal-Madonna li hemm f'dan il-kwadru. Qablu kien kwadru ieħor li kien għamlu l-artist Bartolomeo Garagona. L-Istatwarju Wistin Camilleri għamel l-istatwa tal-Lunzjata. Il-Knisja ġiet ikkonsagrata nhar it-18 ta'Ottubru 1959. Il-Festa issir bis-Sollennità xierqa, b'Quddiesa Kantata bil-Kant u bil-Priedka u għaliha jattendu ħafna nies minn kull rokna tal-Gżira.



L'Awgurju tiegħi huwa li l-mod li biħ hija miżmuma din il-Kappella ikun ta' eżempju għal oħrajn li għandhom ir-responsabilità li jżommu fi stat tajjeb il-Kappelli sbieħ li nsibu mxerrdin ma' l-erbat irjieħ tal-Gżejjer Maltin. Nawgura lit-Tarxiniżi kollha il-festa t-tajba.




Referenzi.

1) "Għawdex Bil-Ġrajja Tiegħu", tal-Kan.Agius De Soldanis.

2) "Marian Shrines In Gozo". joseph Bezzina.